

Brussell, 15 ta' Ġunju 2026  
(OR. en)

9807/1/26  
REV 1

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0240 (COD)

---

---

COH 94  
SOC 294  
AGRI 428  
AGRIFIN 104  
PECHE 208  
FIN 759  
JAI 674  
SAN 356  
CODEC 1038  
CADREFIN 248  
POLGEN 139  
IA 142

## NOTA

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 ("ir-Regolament PSNR") - Approċċ ġenerali parzjali

---

## I. KUNTEST

1. Fis-16 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 ("ir-Regolament PSNR").

2. Il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi r-regoli għall-programmazzjoni, l-implimentazzjoni, il-governanza u l-monitoraġġ, kif ukoll il-qafas finanzjarju għall-interventi fil-qasam tal-Politika ta' Koeżjoni, il-Politika Agrikola Komuni (PAK), il-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) u l-Affarijiet Interni taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għas-snin 2028-2034.
3. L-abbozz tar-Regolament huwa bbażat fuq l-Artikolu 42, l-Artikolu 43(3), l-Artikolu 46, il-punt (d), l-Artikolu 91(1), il-punt (d), l-Artikolu 149, l-Artikolu 153(2), il-punt (a), u l-Artikoli 164, 175, 177 u 178, l-Artikolu 192(1), l-Artikolu 194(2), l-Artikolu 209(1), l-Artikolu 212(2), l-Artikolu 322(1), il-punt (a), u l-Artikolu 349, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) (proċedura leġiżlattiva ordinarja).
4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-22 ta' Jannar 2026<sup>1</sup>. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tat l-opinjoni tagħha fl-24 ta' Frar 2026<sup>2</sup>. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fit-18 ta' Mejju 2026<sup>3</sup>.
5. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Baġits (BUDG), il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (REGI) u l-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (AGRI) għandhom ir-responsabbiltà konġunta. Karlo Ressler (PPE), Andrey Novakov (PPE) u Elsi Katainen (Renew) inġatru rapporteurs.

## II. KWISTJONIJIET EWLENIN

6. Il-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali - Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali (AHWP NRP) iddiskuta l-proposta b'mod estensiv bejn Settembru 2025 u Mejju 2026<sup>4</sup>.

---

<sup>1</sup> Dok. 6002/26.

<sup>2</sup> Dok. 6710/26.

<sup>3</sup> Dok. 9422/26.

<sup>4</sup> Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok ikkonsulta d-dok. 16312/25 u d-dok. 9750/26.

7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkunsidra l-proposta fis-6 ta' Mejju u fit-3 ta' Ġunju 2026 biex iħejji għal approçċ ġenerali parzjali, li jeskludi l-elementi bejn il-parentesi kwadri u l-biçċa l-kbira tal-premessi. Fit-12 ta' Ġunju 2026 il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti eżamina t-test ta' kompromess fid-dokument 9808/26, u fl-14 ta' Ġunju 2026 qabel fil-prinçipju li jippreżenta t-test lill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) b'għadd ta' bidliet kif rifless fid-dokument 9808/26 COR 1.
9. Il-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen (SACs) ser jibqa' jkollhom l-opportunità li jiddiskutu d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' Schengen fir-Regolament dwar l-SNR fil-fora adatti, inkluż aġġustamenti mmirati biex titqies is-sitwazzjoni speçifika tal-SACs.

## II. KONKLUŻJONI

6. F'dan l-isfond, il-Kunsill huwa mistieden jilħaq approçċ ġenerali dwar l-abbozz ta' Regolament abbażi tad-dokumenti 9808/26 + COR 1.

---